TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 105/10

**Dr & Ms Anthony Abela Medici**

**vs**

**Costa Crociere S.p.A**

Illum 8 ta' Mejju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fid-29 ta' Settembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' elfejn, ħames mija u sitt ewro u tmintax-il ċenteżmi (€2,506.18) rappreżentanti prezz tal-vjaġġ ta' cruise li tħassarlu għax kellu *food poisoning*.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ġuramentata tal-intimat li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma ħallsu l-prezz ta' elfejn, ħames mija u sitt ewro u tmintax-il ċenteżmi (€2,506.18) għal cruise fuq Costa Serena li s-sidien tagħha hija Costa Crociere S.p.A..

Daparti tagħha s-soċjeta' intimata ssottomettiet illi l-ġurisdizzjoni esklussiva tal-Qorti, hija tal-Qorti Taljana u mhux fil-Qrati ta' Malta.

Ir-ritrattazzjoni ta' l-ewwel eċċezzjoni;

Ir-rikorrenti jsostni, illi meta huwa bbukja *online* ma ngħatax kopja tat-*terms and conditions* tal-cruise u seta' biss jeċċessja dawn il-kundizzjonijiet wara li ħallas il-vjaġġ. L-istess rikorrenti jinsisti li ma kienx jaf bil-klawsola tal-ġurisdizzjoni u għalhekk qatt ma ta l-kunsens tiegħu qabel m'għamel it-transazzjoni.

L-intimat issottometta illi t-*terms and conditions* jistipulaw ċarament illi l-ġurisdizzjoni hija ġo l-Italja, speċifikament f'Genova, ad esklużjoni ta' kull Qorti.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, sema' u evalwa t-trattazzjoni tal-partijiet, u jikkonsidra s-segwenti;

Ir-rikorrenti xtara minn fuq l-internet, jiġifieri *online*, dawn il-biljetti għall-vjaġġ tal-Italja, li apparti l-ewwel punt, illi dan il-vapur mhuwiex reġistrat ġo Malta, illi jidher li lanqas kellu xi aġenzija ġo Malta għax ma nġabet ebda prova.

Illi *di piu'* r-rikorrenti ma jistax iġib in-nuqqas ta' informazzjoni tiegħu bħala difiża meta hu kien li mar ifittex dan il-vjaġġ fuq l-internet, pero' jibqa' l-fatt li qabel ma daħal għall-vjaġġ, beda l-vaganza fuq il-cruise u kien jaf bil-kundizzjoni tal-ġurisdizzjoni għax wara li xtara l-biljetti, mbagħad wara rċieva l-*conditions of voyage.* Illi allura qabel ma mbarka għal vaganza, kien jaf eżatt x'kienet il-ġurisdizzjoni.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**